L-Aġenzija SAPPORT hi kommessa
li ttejjeb il-kwalita' tal-ħajja
tal-persuni b'diżabilità
billi tipprovdilhom sapport,
għajnuniet professjonali
u *advocacy*
b'modi innovattivi u personalizzati

# Il-Viżjoni tal-Aġenzija SAPPORT

**L-Aġenzija SAPPORT**
**taħdem mal-persuni b'diżabilità**
**u l-familji tagħhom biex tassigura**
**l-mezzi,**
**l-opportunitajiet u**
**s-servizzi**
**li bihom huma jkunu jistgħu jeżerċitaw**
**id-dritt tagħhom**
**li jipparteċipaw b'mod sħiħ**
**fil-ħajja tal-komunità**

# Il-valuri li nħaddnu …

**Biex twettaq il-viżjoni tagħha, l-Aġenzija tħaddan dawn il-valuri:**

- **l-ugwaljanza, l-għażliet u l-opportunitajiet;**
- **l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fl-aspetti kollha tas-soċjetà;**
- **prinċipji tal-qsim ta' poter (*empowerment*) u determinazzjoni tal-persuna nnifisha (*self determination*) permezz ta' filosofija ħolistika u ċċentrata madwar il-persuna;**
- **sapport reċiproku u interdipendenti mibni fuq l-għarfien li kemm il-persuna b'diżabilità kif ukoll is-soċjetà jiggwadanjaw meta l-persuna b'diżabilità tavvanza bħala membru li jikkontribwixxi bis-sħiħ fis-soċjetà.**

# Elementi Essenzjali fil-Ħidma Tagħna

**Flimkien mal-Persuna b'Diżabilità, nagħrfu l-importanza ta' dawn l-elementi:**

- **għarfien tad-diversità;**
- **dinjità u rispett;**
- **għażla u mhux kontroll;**
- **preżenza u parteċipazzjoni fil-komunità;**
- **opportunitajiet indaqs;**
- **rikonoxximent tal-valur tal-persuna;**
- **servizz personalizzat;**
- **ħidma lejn indipendenza individwali, sa fejn hu possibli;**
- **sapport u mhux kura.**

# Meta twaqqfet l-Aġenzija SAPPORT?

**L-Aġenzija SAPPORT:**

- **bdiet topera bħala *Supported Living Division* fis-sena 2001;**
- **twaqqfet uffiċjalment bħala Aġenzija fi Frar 2003;**
- **ġiet imwaqqfa mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali biex tipprovdi servizzi residenzjali li jħaddnu kunċetti ta' *supported living*;**

# X'inhi l-Istorja tas-Servizzi li toffri?

**April 2002:**

- **bdew jingħataw l-ewwel servizzi fil-komunità;**

**Novembru 2002:**

- **infetħet l-ewwel dar ġewwa l-Fgura;**

**Frar 2003:**

- **infetħet id-dar residenzjali ta' Kirkop;**
- **bdiet topera ukoll r-Residenza Vajrita I;**
- **beda jiltaqa' is-*Service Allocation Committee* tal-Aġenzija;**

# X'inhi l-Istorja tas-Servizzi li toffri?

**Lulju 2003:**

- **id-dar Villino Marija ġo l-Imtarfa laqgħet l-ewwel residenta;**

**Diċembru 2003:**

- **beda jingħata servizz residenzjali ukoll ġo Residenza Vajrita II f'Marsascala.**

# Servizzi … prijoritajiet …

**Aġenzija Sapport tagħti prijorita' lil:**

- **persuni li għandhom problemi ta' imġieba, liema imġieba taf tkun ta' stress kontinwu fuq in-nies li jieħdu ħsiebhom;**
- **persuni fil-komunità li qiegħdin f'riskju li jispiċċaw f'istituzzjoni;**
- **irġiel u nisa b'diżabilità ta' eta żgħira li diġa qed jgħixu f'istituzzjoni minħabba li m'għandhomx post ieħor fejn joqgħodu.**

# Servizzi … fil-Komunità …

## Assistenza Personali:

- sapport dirett lil persuni b'diżabilità fid-djar tagħhom li jinkludi
  - għajnuna f'attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum bħal f'iġene personali;
  - sapport intensiv lil individwi li għandhom bżonnijiet mediċi kbar u lill-familji tagħhom.

## Intervent Individwalizzat:

- sapport lil persuni b'diżabilità intelletwali, b'mod partikolari dawk li għandhom imġieba diffiċli, u lill-familji tagħhom li jinkludi
  - għajnuna fl-iżvilupp ta' ħiliet skond ix-xewqa tagħhom;
  - sapport biex tinftiehem aħjar l-imġieba diffiċli tal-persuna b'diżabilità biex b'hekk ikunu jistgħu jiġu mistħarrġa metodi li jgħinu biex din l-imġieba tinftiehem.

# Servizzi … Residenzjali …

**Mudelli differenti ta' servizzi residenzjali ta' Aġenzija SAPPORT:**

1. **Housing Estates:**
   - **2 appartamenti bi 3 kmamar tas-sodda fil-housing estates tal-Fgura u Kirkop li ingħataw lilna mill-Awtorita' tad-Djar;**
     - **Fgura – 3 persuni jgħixu flimkien;**
     - **Kirkop – 3 persuni jgħixu flimkien bir-4 persuna fi transizzjoni.**
   - **Il-persuni li jgħixu ġo dawn id-djar jirċievu sapport 24 siegħa kuljum, u skond il-bżonnijiet tagħhom.**

# Servizzi … Residenzjali …

## Aktar Mudelli :

2. **Detached Bungalow fl-Imtarfa:**

   - **'Villino Marija' – 'bungalow' b'ħames kmamar tas-sodda mibnija apposta għal klijenti li, minħabba d-diżabilita' tagħhom, għaddew minn tbatija kbira:**
     - **6 residenti qed jgħixu fiha;**
     - **5 mill-klijenti ta' din id-dar huma ta' eta' żgħira bejn 19 u 25 sena;**
     - **numru minnhom ħarġu minn Mount Carmel;**
     - **minħabba l-bżonnijiet partikolari ta' dawn il-klijenti, kien hemm min kellu bżonn żmien ta' transizzjoni ta' aktar minn sena.**

# Servizzi … Residenzjali …

## Aktar Mudelli:

3. **Residenza Vajrita f'Marsascala:**

   - **Dak li kien qabel kumpless għat-turisti, ġie mibdul fi 12-il flat:**
     - **kull *flatlet* għandu kamra tas-sodda jew tnejn b'żewġ sodod, kċina żgħira, 'shower', u kamra tal-pranzu;**
     - **żewġ sulari b'sitt flatlets f'kull sular;**
     - **bħalissa joqgħodu 27 resident b'persuna oħra fi transizzjoni;**
     - **il-kunċett li bih jaħdem il-Vajrita hu dak ta' 'semi-independent living'.**

# Servizzi … Residenzjali …

## Aktar Mudelli :

4. **Dar l-Arka f'Ghajnsielem, Għawdex:**

   - **L-Aġenzija SAPPORT għamlet kuntratt mal-Fondazzjoni Arka permezz tal-Ministeru tal-Politika Soċjali u l-Ministeru t'Għawdex:**
     - **akkwistat il-possibilita' li tipprovdi servizzi residenzjali għal 6 persuni ġewwa Dar l-Arka;**
     - **5 minn dawn is-6 postijiet residenzjali imtlew;**
     - **bħalissa qed tiġi kkunsidrata is-6 persuna oħra.**

# Servizz … ta' Ħidma Soċjali

## Fost oħrajn, is-Servizz ta' Ħidma Soċjali:

- jaħdem prinċiparjament fuq l-għarfien tal-persuna b'diżabilità bħala persuna sħiħa fis-soċjetà;
- isostni l-importanza li l-persuni jagħrfu jakkwistaw u jeżerċitaw id-drittjiet tagħhom biex jippartecipaw bis-sħiħ fil-komunità;
- jassisti lill-persuni biex jaffaċċjaw b'mod effettiv il-problemi soċjali li jkollhom;
- jagħraf li l-komunità tkun aktar rikka bil-parteċipazzjoni u l-kontribuzzjoni tal-persuna b'diżabilità u għalhekk jaħdem bis-sħiħ biex din il-parteċipazzjoni sseħħ.

# Servizz … ta' *Resource*

**Fost oħrajn, is-Servizz ta' Resource jipprovdi:**

- ***screening* u assessjar;**
- **servizz ta' intervent professjonali fid-dar tal-persuna b'diżabilità u fil-komunità;**
- **tfassil ta' programmi individwalizzati ma' persuni b'diżabilità li jużaw is-Servizzi fil-Komunità jew li joqgħodu fir-residenzi tal-Aġenzija b'opportunità li jiżviluppaw il-ħiliet tal-ħajja (life skills) bħalma huma dawk soċjali, emozzjonali, edukattivi, għall-impieg, u sehem fil-komunità;**
- **interventi ma' persuni b'diżabilità fuq livell ta' grupp bi qbil ma' entitajiet mhux governattivi (NGOs).**

# Min qed jirċievi s-Servizzi tal-Aġenzija?

## Servizzi Residenzjali:

| | |
|---|---|
| Fgura | 3 |
| Kirkop | 3 |
| Vajrita I – Marsascala | 13 |
| Vajrita II – Marsascala | 14 |
| Villino Marija – Mtarfa | 6 |
| Dar il-Kaptan | 1 |
| Arka | 5 |
| | |
| Total | 45 |

# Min qed jirċievi s-Servizzi tal-Aġenzija?

## Servizzi fil-Komunità:

| Tip ta' Servizz | Nru ta' Persuni | Nru ta' sigħat fil-ġimgħa |
|---|---|---|
| Assistenza Personali | 26 | 193 |
| Intervent Individwalizzat | 27 | 182 |
| | | |
| Total | 53 | 375 |

## Servizzi ta' Ħidma Soċjali:

- total ta' 1515 persuni li rċevew servizz mill-1996 s'issa (1996 – 2002 bħala Aġenzija Appoġġ);
- 222 persuni b'diżabilità qed jirċievu dan is-servizz fil-preżent.

# Kemm jaħdmu impjegati mal-Aġenzija SAPPORT?

**In-Numru ta' Impjegati tal-Aġenzija huwa:**

| | |
|---|---|
| **Full-Timers** | **66** |
| **Part-Timers** | **54** |
| **Total** | **120** |

**Dawn huma mqassmin hekk:**

| | |
|---|---|
| **Management** | **4** |
| **Amministrazzjoni u Manutenzjoni** | **5** |
| **Social Workers** | **5** |
| **Psychology Officer** | **1** |
| **Professional Support Workers** | **4** |
| **Supervisors** | **5** |
| **Support Workers** | **96** |
| **Total** | **120** |

# Ma' min naħdmu fil-qrib?

**L-Aġenzija SAPPORT taħdem fil-qrib ma':**

- **APPOĠĠ u *sedqa,* l-Aġenziji l-oħra tal-Fondazzjoni*;***
- **Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità;**
- **Ċentri għas-Servizzi ta' Matul il-Jum *(ATCs);***
- **Sptar Monte Karmeli;**
- **l-Awtorità tad-Djar;**
- **Korporazzjoni għall-Impieg u t-Taħriġ *(ETC)*;**
- **għaqdiet mhux governattivi fil-qasam tad-diżabilità u tas-saħħa mentali;**
- **l-Università ta' Malta u l-MCAST;**

**… fost oħrajn.**

# Parteċipazzjoni fi Programmi tal-EU

**L-Aġenzija fehmet il-valur tal-Unjoni Ewropeja u għarfet tutilizzah. Eżempji ta' dan huma:**

- **il-parteċipazzjoni b'mod attiv f'inizjattiva msejħa 'Together in Europe' li tlaqqa' flimkien gruppi minn bosta pajjiżi Ewropej li jaħdmu u joffru servizzi għal persuni b'diżabilità;**
- **l-użu ta' programmi ta' taħriġ tal-programm Leonardo għall-impjegati tas-SAPPORT;**
- **is-sehem attiv tal-klijenti tal-Aġenzija f'"Youth Exchange Programmes' fosthom:**
  - **f'Cologne fil-Ġermanja;**
  - **f'Sheffield fl-Ingilterra; u**
  - **f'Malta stess.**

# Ħbieb tal-Aġenzija SAPPORT

**Għaqda ta' ġenituri, familjari, u ħbieb li twaqqfet fl-2003 biex:**

- **tkun mezz ta' kommunikazzjoni bejn il-ġenituri, qraba u carers tal-klijenti tal-Aġenzija;**
- **tressaq proposti, ilmenti, u suġġerimenti relatati mal-ħidma tal-Aġenzija;**
- **tappoġġja lill-Aġenzija f'kull ħidma tagħha;**
- **torganizza attivitajiet edukattivi, soċjali, sportivi, kulturali u rikrejattivi kif ukoll ġbir ta' fondi biex tgħin fil-ħidma tal-Aġenzija għall-benefiċċju tal-klijenti tagħha;**
- **tibni kuntatti kemm lokali, kif ukoll internazzjonali, biex l-Għaqda tkun dejjem aktar aġġornata f'dan il-qasam.**

# Għanijiet li Ntlaħħqu – 2004

**Fuq livell ta' servizzi:**

- **Kabbret in-numru ta' klijenti li jirċievu Servizz Residenzjali:**
  - **20 persuna bdew jirċievu Servizz Residenzjali tul 2004;**
  - **10 minn dawn kienu qabel qed jgħixu ġo istituzzjoni, jew l-Isptar Monte Karmeli jew Residenza San Vinċenz;**
- **Żidna n-numru ta' persuni li jirċievu Servizzi fil-Komunità;**
  - **Żieda ta' 22 Servizz fil-Komunità:**
    - **2 - terapija u konsultazzjoni;**
    - **5 - assistenza personali;**
    - **15 - intervent individwalizzat.**

# Għanijiet li Ntlaħħqu – 2004

## Fuq livell ta' Taħriġ ta' Impjegati:

- aktar possibiltajiet ta' taħriġ għall-ħaddiema – total ta' 1,157.5 sigħat ta' taħriġ tul 2004;
- introduzzjoni ta' 'policies' ġodda, u reviżjoni ta' oħrajn biex jagħtu aktar direzzjoni lill-ħaddiema tal-Aġenzija.

## Fuq livell ta' Koperazzjoni:

- introduċejna kunċett ġdid ta' għoti ta' servizzi lil għaqdiet mhux governattivi:
  - il-Fondazzjoni Bormliza għall-Persuni b'Diżabilità qed tixtri servizz speċjalizzat mill-Aġenzija, ta' tmien sigħat, għat-tmexxija ta' gruppi ta' *Self Advocacy* u *Activities of Daily Living.*

# Ħidma Servizzi 2005

## Konsolidazzjoni tas-Servizzi Residenzjali:

- Intejbu l-kwalità tal-attivitajiet tar-residenti billi:
  - nagħmlu minn kollox biex kull resident jagħraf jesprima x-xewqat tiegħu fl-għażla ta' attivitajiet barra d-dar;
  - naċċertaw li l-għażla ta' attivitajiet jippromwovu l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità fil-komunità;
  - inħeġġu lir-residenti biex jkollhom ukoll attivitajiet ġo d-dar li huma ta' interess għalihom.
- Inkomplu naħdmu fuq l-aspetti ta':
  - xogħol;
  - edukazzjoni;
  - żvilupp ta' ħiliet lejn aktar indipendenza għar-residenti.

# Ħidma Servizzi 2005

## Konsolidazzjoni tas-Servizzi fil-Komunità:

- **Nilħqu aħjar l-aspettattivi tal-klijenti tagħna u l-familji tagħhom billi:**
  - **nagħtu aktar opportunità lil persuna biex tagħżel is-'support worker' li tixtieq;**
  - **nassiguraw li l-klijenti jirċievu servizz fil-ħinijiet li għandhom l-aktar bżonn;**
  - **inwettqu b'mod sistematiku it-tfassil ta' pjan individwalizzat għal kull klijent li juża s-servizz ta' intervent, u naċċertaw li dan il-pjan jiġi rivedut kull tlett xhur.**
- **Nestendu s-Servizzi fil-Komunità għal dawk li ġew approvati servizz u li għadhom qed jistennew, dejjem fil-limiti tal-budget għas-sena 2005.**

# Ħidma Servizzi 2005

## Konsultazzjoni u terapija:

- Ngħinu fl-iżvilupp ta' dan is-servizz, li kien beda jingħata b'mod limitat mill-Aġenzija SAPPORT, u li issa qed jingħata b'mod formali permezz ta' arranġament ġdid li sar f'Diċembru 2004 liema servizz qed jiġi iffinanzjat u mmexxi mill-KNPD;
- Nilħqu l-persuni kollha li għandhom bżonn dan is-servizz u l-familjari tagħhom;
- Naħtru 'Associate Therapist' taħt id-direzzjoni ta' Forough Hessabi biex naċċertaw li dan is-servizz dejjem jitkompla;
- Nutilizzaw dan is-servizz biex intejbu x-xogħol u l-impenn tal-ħaddiema tagħna permezz ta' taħriġ speċjalizzat regolari.

# Ħidma Amministrattiva għas-Sena 2005

**Tibdil fil-ħsieb tal-Pjan Finanzjarju tal-Aġenzija:**

- Ġew identifikati l-'cost centres' u tfassal il-budget għas-sena 2005 skond dawn il-'cost centres';
- Tfasslu 'House Budgets' għal kull residenza fejn ġew stipulati l-ammonti li għandhom jintefqu fuq l-aspetti differenti tar-residenza;
- Ġiet introdotta sistema ta' kontroll aħjar fuq id-dħul li ġej mid-'Disability Pension' tal-persuni li joqgħodu f'residenza tal-Aġenzija:
  - 60% jmorru għall-'House Budget' tar-residenza partikolari fejn jgħix il-persuna;
  - 40% jmorru għall-użu personali tal-klijenti.

# Ħidma għas-Sena 2005

## Żvilupp fl-Istruttura tal-Fondazzjoni:

- **Tkompli l-preżenza u l-kontribut tal-Kap Operattiv tal-Aġenzija fil-laqgħat tal-Management (FSWS);**
- **Jissokkta l-impenn tal-Aġenzija fid-direzzjoni mfassla mil-Fondazzjoni lejn il-koordinazzjoni ta' ħidma ċentralizzata b'enfasi partikolari fuq:**
  - **finanzi;**
  - **riżorsi umani;**
  - **policies;**
- **Ikomplu b'frekwenza regolari il-Laqgħat tal-Operazzjoni tal-Aġenzija SAPPORT.**

# Ħidma Kapitali għas-Sena 2005

- **Xogħol ta' manutenzjoni fir-residenzi tal-Aġenzija:**
  - **il-livell ta' ħsarat kontinwi fir-residenzi huwa sostanzjali u għalhekk, il-manutenzjoni hu aspett li jrid jingħata ħafna importanza;**
- **L-ewwel fażi ta' xogħol fuq id-dar ta' Bormla;**
- **Tkomplija ta' xogħol fuq il-*flatlet* fil-livell t' isfel ta' Villino Marija;**
- ***Refurbishment* tal-*pool area* tal-Vajrita;**
- **Transport addizzjonali għall-bżonn tal-klijenti;**
- **Tkomplija wkoll fuq arranġamenti li hemm bżonn li jsiru fl-ufficini tal-Imtarfa.**

Grazzi tal-attenzjoni

Marcel Pisani
Kap Operattiv

26 ta' Jannar 2005

aġenzija sapport
persuni b'diżabilità
Foundation for Social Welfare Services